MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 31/2009

Wenza sive Lorenza sive Lora Bartolo .

vs

Direttur tar-Registru Pubbliku, Għawdex.

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat ta’ Wenza sive Lorenza sive Lora Bartolo, li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi:

Illi hija, r-rikorrenti Wenza sive Lorenza sive Lora Bartolo nee’ Bigeni twieldet ix-Xagħra, Għawdex fis-sitta u għoxrin (26) ta’ Marzu, 3lf disa’ mija u erbgħa u erbgħin (1944), u l-att tat-twelid tagħha ġie rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta’ Għawdex bin-numru progressiv mitejn u sebgħa u sebgħin tas-sena elf disa’ mija u erbgħa u erbgħin (277/1944) kif jidher mill-kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument ‘A’;

Illi fl-istess att tat-twelid isem ir-rikorrenti ġie mniżżel bħala 'Wenza' u dan nonostante illi l-ġenituri tar-rikorrenti riedu jsemmu lil binthom Lorenza u fil-fatt hija dejjem tuża u konsistentement tissejjah Lorenza u/jew Lora, iżda għal xi raġuni l-Kappillan li għammed dak iż-żmien kien niżżel l-isem bħala 'Wenza'.

Illi di fatti, fl-atti tat-twelid ta' ulied ir-rikorrenti li jġibu n-numri segwenti: 2158/2000 – att tat-twelid ta' bin ir-rikorrenti : Stephen Joseph Bartolo; 1312/1989 – att tat-twelid ta' bin ir-rikorrenti: Joseph Mark John Bartolo; 126/1978 – att tat-twelid ta' bint ir-rikorrenti: Maria Pia Agostina Bartolo; 56/1982 – att tat-twelid ta' bint ir-rikorrenti: Daniella Bartolo ; u 151/1986 – att tat-twelid ta' bin ir-rikorrenti: Gary Bartolo; isem l-omm u ċioe' r-rikorrenti dejjem ġie mniżżel bħala Lorenza.

Illi anke fuq il-karta tal-identita' tagħha kif ukoll fuq iċ-ċertifikat taż-Żwieġ, isimha huwa mniżżel bħala Lorenza.

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid numru progressiv mitejn u sebgħa u sebgħin tas-sena elf disa' mija u erbgħa u erbgħin (277/1944) billi fil-kolonna ntestata: 'Ismijiet mogħtijin'; l-isem 'Wenza' jiġi kkanċellat u jiġi sostitwit bl-isem 'Lorenza', u fil-kolonna ntestata: 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa', l-isem 'Wenza' jiġi kkanċellat u jiġi sostitwit bl-isem 'Lora';

2. Titlob ukoll biex il-bdil eventwalment effetwat fl-att tat-twelid jiġi rifless f'kull att ta' l-istat ċivili relattiv għall-istess rikorrenti u għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' l-istess rikorrenti.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni tal-konvenut skond il-liġi.

Rat id-dokumenti esebiti mar-rikors, u ċioe' :

Dokument A: ċertifikat tat-twelid numru : 277/1944;
Dokument B: ċertifikat tat-twelid numru : 2158/2000;
Dokument C: ċertifikat tat-twelid numru : 1312/1989;
Dokument D: ċertifikat tat-twelid numru : 126/1978;
Dokument E: ċertifikat tat-twelid numru : 56/1982;
Dokument F: ċertifikat tat-twelid numru : 151/1986;
Dokument G: ċertifikat taż-żwieġ;
Dokument H: Kopja tal-karta ta' l-identita'; u;
Dokument I: ċertifikat tal-magħmudija.

Rat ir-risposta tad-direttur tar-Reġistru Pubbliku li permezz tagħha eċċepixxa:
1. Illi l-esponenti ma joġġezzjonax illi isem ir-rikorrenti jinbidel minn Wenza għal Lorenza;

2. Illi dwar it-tieni talba, r-rikorrenti għandha tispeċifika x'atti oħrajn ta' l-istat ċivili relattiv għall-istess rikorrenti trid illi jiġu korretti;

3. Illi stante illi l-bdil ta' isem ma sarx wara xi żball tad-Direttur Reġistru Pubbliku, iżda sar neċessarju minħabba żball tal-atturi, l-konvenut ma għandux ibati spejjeż.

4. Bl-ispejjeż kontra l-attriċi;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat in-nota ta' l-attriċi tal-lum stess li permezz tagħha rtirat it-tieni talba.

Il-Qorti, peress illi jidhrilna illi t-talba l-oħra hija ġustifikata, tilqa' l-istess talba, u tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid numru progressiv mitejn u sebgħa u sebgħin tas-sena elf disa' mija u erbgħa u erbgħin (277/1944) billi fil-kolonna ntestata: 'Ismijiet mogħtijin'; l-isem 'Wenza' jiġi kkanċellat u jiġi sostitwit bl-isem 'Lorenza', u fil-kolonna ntestata: 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa', l-isem 'Wenza' jiġi kkanċellat u jiġi sostitwit bl-isem 'Lora'.

In vista tan-natura ta’ din il-kawża ma għandux ikun hemm spejjeż.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------